# Kunsill Lokali IL-Gżira

27 ta' Settembru 2012

Ref Nru.Klg6/006a

Minuti tal-kontinwazzjoni tal-laqgħa Nru Klg6/006a li saret it-Tnejn 13 t' Awwissu 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.00 p.m.

**Preżenti**

Erba' membri tal-Kunsill li kienu, s-Sindku Roberto Cristiano, il-Viċi-Sindku Joe Galea, l-Kunsillieri Charles Micallef St. John, u Joseph Muscat flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg.

Attendiet għall-ewwel parti tal-laqgħa l-*Accountant* tal-Kunsill Johanna Caruana

**Skużati**

Il-Kunsillieri Vincenza Attard, Joseph Camilleri u Victor Rutter.

***Chairman***

Is-Sindku Roberto Cristiano ppreseda l-laqgħa.

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fis-27 ta' Lulju 2012.

**5. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-*1st and 2nd Quarterly Reports – Jannar – Ġunju 2012***

Tqassmet kopja tal-*quartely reports* u ċ-*Chairman* ta' l-ispjegazzjoni tiegħu u cioe:

Paġna 1 – Dħul u l-ħruġ tal-Kunsill
Paġna 2 – Ħruġ tal-Kunsill
Paġna 3 – Bilanċ/Żbilanċ

B'eżitu tal-mistoqsija tal-Kunsillier Joe Muscat, l-*Accountant* tal-Kunsill spjegat li l-estimi jitħejjew f'Ottubru tas-sena ta' qabel.

Iċ-*Chairman* spjega li l-iżbilanċ imsemmi f'paġna 3 kien l-aktar dovut minħabba l-infieq kapitali u manutenzjoni, l-infieq kapitali hu b'eżitu tal-proġett mill-Kunsill preċedenti tat-Toroq Stuart u Ponsonby, li saru tramitte ta' l-iskema tal-*Public Private Partnership*. Dan għaliex filwaqt li fis-sena kurrenti l-Kunsill hu obbligat li jħallas 40%, fl-*accounts* trid tiġi nkluża *full invoice value*. L-*Accountant* tal-Kunsill qalet, li din il-materja hi spjegata aħjar u f'aktar dettal fil-*financial statements* għar-raġuni li jittieħed l-*apportionment* għas-sena u jinħadem id-diprezzament tat-toroq madanakollu l-*full invoice amount* dejjem trid tkun inkluża.

Iċ-*Chairman* intervjena u qal li f'cirkonstanzi bħal dawn kien jeħtieġ l-intervent tal-Gvern Ċentali sabiex jiddeċiedi l-impatt ta' din l-iskema fuq l-indikatur finanzjarju minħabba l-fatt, li l-proċeduri finanzjarji ma setgħux jintmessu għaliex dawn huma bbażati fuq *I.F.R.S.*

L-*Accountant* spjegat li filwaqt li l-indikatur finanzjarju kif preżentat fir-rapport kien wieħed favorevoli ta' 4.7% madanakollu, skont ir-regolamenti finanzjarji dan irid ikun 10%.

B'eżitu tad-diskussjoni, ċ-*Chairman* qal, li l-Kunsill kien qed jipprova jnaqqas l-ispejjeż sabiex jindirizza din is-sitwazzjoni finanzjarja filwaqt li l-*Accountant* ssuġġeriet u l-membri preżenti qablu, li għandha terġa' tirrevedi l-*budget* u tħejji *draft version* fuq l-*actual payments*.

Iċ-*Chairman* ssuġġerixxa u l-membri preżenti qablu, li dawn ir-rapporti finanzjarji jkunu ppubblikati fil-ħarġa tal-Impenn li jmiss.

Wara li ġew eżawriti l-punti mressqa għad-diskussjoni, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John mal-*quarterly reports Jannar – Ġunju 2012,* kif ppreċentati mill-*Accountant* Johanna Caruana.

Minħabba li ma kienx hemm aktar materji relatati mal-finanzi, l-*Accountant* tal-Kunsill ħareġet mill-laqgħa fis-6.00 p.m.

### 6. Diskussjoni dwar ġbir ta' skart u tindif tat-toroq

Iċ-*Chairman* ta' aġġornament dwar il-fatt, li sat-30 t'April 2012, dan il-Kunsill Lokali kellu lis-Sur Alfred Portelli bħala *environmental contracts manager*. Hu kompla jgħid li in vista ta' l-importanza ta' dan is-servizz kien tal-fehma li l-Kunsill ma jistax jibqa' mingħajru u kien għalhekk li qed jipproponi li jinbeda l-proċess għall-ingaġġar ta' *environmental co-ordinator*. Ic-*Chairman* spjega li r-raġuni l-għala kien qed jipproponi li l-*expression of interest* tkun għal *environmental co-ordinator* u mhux *contracts manager* kienet minħabba l-fatt, li *contracts manager* irid jitħallas persentaġġ tal-kuntratti li għalihom ikun responsabbli filwaqt li b'*co-ordinator* jkun jista' jiġi ngaġġat persuna bħala *self-employed*.

Wara diskussjoni, fejn ġie spjegat l-importanza ta' dan is-servizz partikularment li jsiru spezzjonijiet wara li jitlestew is-servizzi li għalihom ikun responsabbli, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku li jiġi ppublikat dan l-avviz skont il-proċedura addottata għall-servizzi simili.

## 7. Diskussjoni u approvazzjoni dwar il-kumpanija resposnabbli mill-ġbir ta' skart separat.

In segwitu tad-deċiżjoni meħuda fil-laqgħa ta' l-1 Awwissu 2012, iċ-*Chairman* informa li fl-10 Awwissu 2012 reġgħet is-sejħet laqgħa oħra mar-rappreżentanti tad-ditta *Green Pak* fejn ġie diskuss u maqbul is-segwenti:

- It-*termination date* mad-ditta *Green Mt* hi 30 ta' Settembru 2012
- Bejn 1 t'Ottubru u 1 ta' Novembru 2012 ser issir kampanja edukattiva mid-ditta *Green Pak* bieb bieb (nkluż entitajiet kummerċjali) matul liema, ser jitqassmu *green bags* b'xejn u materjal informattiv 'l kull familja.
- Mill-1 ta' Novembru 2012 'l quddiem l-iskart separat ser jibda jinġabar darba fil-ġimgħa biss, jiġifieri kull nhar ta' Tlieta filwaqt li nhar ta' Ġimgħa tinġabar l-borża s-sewda, iżda darba kull ħmistax kull nhar ta' Ġimgħa ukoll ser jibda jinġabar il-ħġieġ mid-djar u sabiex ir-residenti ma jinsewx il-ġurnata, *Green Pak* ser tqassam kalendarji
- il-kunsill ser jgħin f'din il-kampanja permezz tal-gazzetta Impenn li hi ppjanata li toħroġ f'Ottubru li ġej
- skont din id-ditta l-*focus* prinċipali jrid ikun ta' ġbir mid-djar għaliex huma tal-fehma li l-*bring-in-sites* iridu jitneħħew għar-raġuni li qed jiġġeneraw aktar skart imħallat abbandunat fil-madwar tagħhom

Hu kkonkluda billi qal, li b'kampanji simili li jridu jsiru fuq bażi regolari, d-ditta temmen li l-persentaġġ ta' ġbir ta' skart separat jiżdied.

## 8. Affarijiet oħra – kontinwazzjoni

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat kopja tal-kjarifika li dan il-kunsill kien irċieva minn wieħed mill-*proposed bidders* għas-sejħa għall-offerti *GLCT 004/2012 Tender For Cleaning, Maintenance, Upkeep & Embellishment of Parks, Public Gardens and Soft Areas, using Environmentally Friendly Products and Practices* Dott Ronald Cuschieri għan-nom tad-ditta *E.L.C.* u risposta li l-kunsill kien irċieva mill-Avukat Woods (l-Avukat tal-kunsill) minħabba l-fatt, li l-kjarifikazzjoni l-Kunsill kien irċieva, għaddiha għall-parir legali tiegħu.

Iċ-*Chairman* spjega li fl-opinjoni tiegħu d-dokument tas-sejħa għall-offerti għandu jibqa' kif maqbul mill-kunsill u ppubblikat għar-raġunijiet segwenti:

- li kif ppubblikat id-dokument hu aktar ċar mir-risposta ta' l-Avukat Woods
- li l-*award criterion* tad-dokument huma spjegati tajjeb u m'hemmx lok ta' dubju għar-raġuni li l-offerta tintrebaħ mill-orħos sottomissjoni li tkun *technically and administrative compliant.* Dawn huma l-elementi prinċipali li jagħmlu l-offerta *the best value for money*
- li ma riedx li tinħoloq xi misinterpretazzjoni jew dubju li din il-kjarifika tivvantaġja lil xi ditta minn oħra

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsillier Charles Micallef St. John qal, li sa mill-ewwel reazzjoni tiegħu kien tal-fehma li d-dokument jibqa' kif inhu u dan għaliex dik kienet l-intenzjoni tal-Kunsill u kien jaqbel perfettament ma' dak li qal iċ-*Chairman*. Il-Kunsillier Joe Muscat qal li fl-ewwel risposta tiegħu hu għamel referenza għall-kelma *sole* madanakollu, kif spjega c-*Chairman* turi li d-dokument jispjega tajjeb l-*award criterion*.

Wara li l-punti għad-diskussjoni ġew eżawriti, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-kunsillier Charles Micallef St. John li d-dokument tas-sejħa għall-offerti hawn fuq imsemmi jibqa' kif pubblikat u b'din id-deċiżjoni jiġi nfurmat Dott Cuschieri.

**Ħatra tal-Kumitat ta' l-Aġġudikazzjoni**

Iċ-*Chairman* qal li in vista tas-sejħa għall-offerti li kienet ser tinfetaħ fis-27 Awwissu 2012, kien qed jipproponi li jinħatar kumitat kompost minn membri tal-Kunsill u persuni oħra ndipendenti.

In vista tad-diskussjoni li nżammet, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John, li l-kumitat maħtur ikun magħmul minn nies indipendenti mill-Kunsill, liema persuni jissottomettu r-rakkomandazzjoni għad-diskussjoni u d-deċiżjoni tal-Kunsill.

Iż-żewġ persuni nominati miċ-*Chairman* huma residenti mill-lokalita' b'esperjenza f'dan il-qasam tal-kuntratti filwaqt li a bazi tas-suġġeriment tal-Viċi-Sindku li f'dan il-Kumitat għandu jkun hemm persuna teknika, l-Kunsill qabel fuq persuna li għandu esperjenza vasta fil-ġeneru ta' din is-sejħa għall-offerti.

Għaldaqstant, il-kunsill għandu jinforma uffiċjalment lil dawn il-membri bil-ħatra tagħhom.

**Ħatra tal-Kumitat tal-Bord ta' l-Għażla għall-post ta' Segretarju Eżekuttiv**

Iċ-*Chairman* ta aġġornament dwar l-istadju ta' fejn kien wasal dan il-proċess kif ukoll informa, li minkejja l-fatt li sa dak nhar tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv kienet għadha ma ngħatatx *posting uffiċjali*, kien ser jipproponi l-membri li għandhom jiffurmaw parti mill-bord ta' l-għażla. Il-membri nominati huma:

- Roberto Cristiano bħala ċ-*Chairman* tal-Kumitat
- Joe Galea – Viċi-Sindku
- Charles Micallef St. John – bħala *minority leader*
- Adrian Mifsud – Kap tar-Riżorsi Umani fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li ser ikun qed jassisti lill-Kunsill fil-proċess.

Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Muscat ma' l-għażla tal-Kumitat.

**Sejħa għall-Pubblikazzjoni ta' *Expression of Interest – Cash In Transit***

In segwitu tad-deċiżjoni tal-Kunsill, li tiġi ppubblikata din l-offerta, s-Segretarju Eżekuttiv resqet kopja ta' din is-sejħa.

Wara li l-membri tal-Kunsill evalwaw il-kontenut ta' din is-sejħa, ġie maqbul unaimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Muscat mal-pubblikazzjoni ta' din l-*Expression of Interest* bl-istess mod u proċeduri kif maqbul aktar qabel fl-istess laqgħa ta' kontinwazzjoni għal dik ta' l-*Environmental Co-ordinator*.

**9. Laqgħa Oħra**

**9.1** La darba ma kienx hemm aktar punti għad-diskussjoni, l-laqgħa ntemmet fis-7.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Roberto Cristiano | Rowena M.Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |